22002D0005

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 5/2002

ta' l-1 ta Frar 2002

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 158/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' taxxi fuq ċerti vetturi għat-trasport ta' l-oġġetti bit-triq u t-taxxi u l-piżijiet tat-triq għal ċerti infrastrutturi ([2]) kienet inkoporata fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/94 ([3]).

(3) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej annullat id-Direttiva tal-Kunsill 93/89/KE fil-5 ta' Lulju 1995.

(4) L-effetti tad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE kienu ppriservati fil-Komunitajiet Ewropej sakemm il-Kunsill kien adotta Direttiva ġdida.

(5) Kienet għalhekk adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/62/KE tas-17 ta' Ġunju 1999 li timponi piżijiet fuq il-vetturi tqal tal-merknzija sabiex jintużaw f'ċerti infrastrutturi ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha.

(6) Id-Direttiva 1999/62/KE trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 93.98/KEE trid għalhekk tiġi mħassra mill-Ftehim.

(8) Fid-dawl ta' l-arranġamenti speċifiċi tas-sistema tagħha tat-toroq, in-Norveġja tista' timponi piżijiet tat-triq u piżijiet ta' l-utenti li jużaw firxa iktar wiesgħa ta' kategoriji ta' toroq minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

(9) Mill-1 ta' Jannar 2001, l-Isvizzera daħħlet Piż fuq il-Vetturi Tqal (piż tat-triq) fuq it-toroq kollha, kif innotat fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Art mal-Komunità Ewropea, u ffirmat fid-29 ta' Ġunju 1999, li jrid jiġi impost fil-postijiet ta' fuq il-fruntiera fuq il-bażi tal-kilometri miġrija u l-karatteristiċi tal-vetturi.

([1]) ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 36.
([2]) ĠU L 160, tat-28.6.1994, p. 1.
([3]) ĠU L 279, tat-12.11.1993, p. 32.
([4]) ĠU L 187, ta' l-20.7.1999, p. 42.

(10) Bis-saħħa tat-Trattat tiegħu dwar l-Unjoni Doganali ma' l-Isvizzera, il-Lichtenstein ma' għandu l-ebda posti fuq il-fruntiera tiegħu ma' l-Isvizzera; għalbiex ikun f'pożizzjoni li jżomm miftuħa l-frntiera komuni l-Lichtenstein ukoll daħħal fl-1 ta' Jannar 2001, fit-territorju tiegħu, Piż tal-Vetturi Tqal (piż tat-triq) fuq it-toroq kollha, li huwa msejjes fuq il-Ftehim Bilaterali bejn il-Lichtenstein u l-Isvizzera u fuq il-liġijiet tal-Lichtenstein, u li huwa egwali għall-Piż Svizzeru tal-Vetturi t-Tqal.

(11) Id-Direttiva 1999/62/KE tippermetti li jiġu imposti piżijiet (piżijiet tat-triq) fuq l-ogħla kategoriji ta' toroq meta fi Stat Membru ma teżisti l-ebda *network* ġenerali tal-*motorways* (l-Artikolu 7(2)(a)) u għalhekk il-Lichtenstein, li ma għandux *network* ġenerali ta' *motorways*, jista' jimponi piżijiet (piżijiet tat-triq) fuq l-ogħla kategorija tat-toroq tiegħu.

(12) Madankollu, mhux possibbli li jiġu stabbiliti l-kilometri miġrija fil-Lichtenstein fuq l-ogħla kategoriji ta' toroq.

(13) Id-Direttiva 1999/62/KE teħtieġ illi l-piżijiet (piżijiet tat-triq) ikunu msejsa fuq l-ispejjeż ta' l-infrastruttura (l-Artikolu 7(9)).

(14) It-tariffi dwar il-Piż tal-Vetturi Tqal ġew iffissati fuq il-bażi ta' l-ispejeż ta' l-infrastruttura Svizzera, li huma differenti mill-ispejjeż ta' l-infrastruttura tal-Lichtenstein.

(15) Għalhekk, il-Piż tal-Vetturi Tqal għandu jiġi aġġustat sabiex jingħieb f'linja mad-Direttiva 1999/62/KE bil-għan li jiġi applikat fil-Lichtenstein.

(16) Għall-għan tas-sempliċità, l-aġġustament tal-Piż tal-Vetturi Tqal għandu jsir b'mod globali u għandu għalhekk jieħu l-għamla ta' tnaqqis uniformi fin-numru ta' kilometri li jridu jintużaw fil-komputazzjoni tal-piż tat-triq intaxxat fil-Lichtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test tal-punt 18a ta' l-Anness XIII mal-Ftehim għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"**399 L 0062**: Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/62/KE tas-17 ta' Ġunju 1999 li timponi piżijiet fuq il-vetturi tqal tal-merknzija sabiex jintużaw f'ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, tal-20.7.1999, p. 42).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattementi li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 3(1):

'– L-Islanda: Þungaskattur,

– il-Lichtenstein: Motorfahrzeugsteuer,

– In-Norveġja: Vektårsavgift.'

(b) Fis-sitwazzzjoni riferita fl-Artikolu 8(1), li jirrigwarda l-Istati ta' l-*EFTA*, il-kelma 'Kummissjoni' għandha tinqara 'l-Awtorità tas-Sorveljanza taż-ŻEE'.'

(ċ) Rigward l-Istati ta' l-*EFTA*, l-Artikolu 6 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

'L-Istati ta' l-*EFTA* għandhom jissoktaw japplikaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tagħhom riferiti fl-Artikolu 3(1) hekk li jiżguraw illi l-kompetizzjoni ma tiġix imgħawġa, jiġifieri illi r-rata għal kull kategorija jew sub-kategorija ta' vettura riferiti fl-Anness I mad-Direttiva ma tkunx iktar baxxa mill-minimu stabbilit fl-Anness.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 (*), l-Istati ta' l-*EFTA* ma jistgħu jikkonċedu l-ebda eżenzjoni jew tnaqqis fit-taxxi riferiti fl-Artikolu 3 li jikkaġunaw tagħwiġ fil-kompetizzjoni, jiġifieri li jġibu t-taxxa li trid tiġi imposta iktar baxxa mill-minimu riferit fil-paragrafu ta' qabel.

(*) ĠU L 368, tas-17.12.1992, p. 38.'

(d) Is-sub-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud fit-tarf ta' l-Artikolu 7(2)(a):

'Fil-każ tan-Norveġja, il-piżijiet tat-triq u l-piżijiet ta' l-utenti jistgħu jiġu imposti wkoll fuq toroq sekondarji speċifiċi. Fil-każ tal-Lichtenstein, il-piżijiet tat-triq u l-piżijiet ta' l-utenti jistgħu jiġu imposti fuq l-ogħla kategoriji ta' toroq, skond id-dispożizzjonijiet tat-tieni u t-tielet sub-paragrafi tal-paragrafu 9.'

(e) Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 7(2)(b):

'Rigward l-Istati ta' l-*EFTA*, il-konsultazzjonijiet minn qabel riferiti hawn fuq għandhom isiru ma' l-Awtorità tas-Sorveljanza taż-ŻEE.'

(f) Dan li ġej għandu jiżdied fit-tarf ta' l-Artikolu 7(9):

'Mill-1 ta' Jannar 2001 il-Lichtenstein jista' jimponi taxxa ta' piż tat-triq (il-Piż tal-Vetturi Tqal) għal-livell iffissat fl-Isvizzera u għall-istess kategorija ta' vetturi u skond l-istess sistema bħal ta' l-Isvizzera. Rigward id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, in-numru ta' kilometri li jrid jiġi kkunsidrat fil-komputazzjoni tal-piż tat-triq li jrid jitħallas irid ikun imsejjes fuq il-kilometri totali miġrija, imnaqqsa bi tliet kilometri għal kull qsim tal-fruntiera bejn il-Lichtenstein u l-Awtsrija fl-iSchaanwald/Tiss.

Jekk il-volum tat-traffiku fuq il-fruntiers fl-iSchaanwald/Tiss jiżdied b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-posti l-oħra ta' fuq il-fruntieri fir-reġjun billi jiġbed it-traffiku li jagħmel dawra, il-Lichtenstein, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konġunt u bl-approvazzjoni tiegħu jista' jnaqqas it-tnaqqis ta' tliet kilometri fuq il-fruntiera ta' Schaanwald/Tiss.'"

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Direttiva 1999/62/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2002, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fl-1 ta' Frar 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġiet konstituzzjonali m'huma indikati.